SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tielet laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 1 ta' Ġunju, 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

***Sindku:*** Is-Sur Noel Formosa
***Viċi-Sindku:*** Is-Sur Anthony Formosa
***Kunsilliera:*** Is-Sur Franco Buhagiar
Is-Sinjorina Carmela Grima
Is-Sur Joseph Michael Cauchi

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa kienet skużata.

**1.0 Talba**

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-aħħar laqgħa**

2.1 Il-Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kunsill ittieħdu bħala li nqraw, peress li kienu mibgħuta minn qabel permezz ta' *e-mail,* u ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2.2 Il-Kunsillier Franco Buhagiar ġibed l-attenzjoni li t-tabella li tindika għad-Dwejra li ssemmiet f'punt 6.0 u li ġie deċiż li titwaħħal, għandha teħel aktar lejn il-pjazza u mhux kif hemm imniżżel li għandha titwaħħal fit-triq faċċata ta' Pawluzzu.

***Matters Arising mill-minuti ta' l-aħħar laqgħa:***

2.3 (3.3) L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-ħlas tal-*fuel* ma jgħoddx għall-Kunsilliera peress li dawn jieħdu *allowance* kull sitt xhur.

2.4 (3.4) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa nforma lill-Kunsill li f'laqgħa li kellu ntqal li Tallinja cards mhux se jitqassmu mill-Kunsilli Lokali peress li kien hemm domanda kbira għalihom, u għalhekk se jintbagħtu bil-posta lil kull applikant.

2.5 (3.9) Inqraw il-minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2015 ma' rappreżentanti ta' Green mt dwar il-ftehim li jitratta l-iskart riċiklabbli. Intqal li s-servizz tal-ġbir tal-ħġieġ minn wara l-bibien beda u fl-ewwel fuljett ta' informazzjoni li ħareġ għar-residenti, tniżżel avviż dwar dan. Għandha ssir

laqgħa oħra fil-futur qarib mal-Kumpanija Green mt fejn fiha jiġi sottomess proposta ta' ftehim ġdid dwar l-iskart riċiklabbli.

2.6 (3.10) Dwar is-servizz tal-*Bulky Refuse*, il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li huwa lest li jagħti dan is-serizz bla ħlas. Intqal li ntalab appuntament mal-Inġinier Bajada dwar dan. Għalhekk għalissa l-aħjar l-ewwel naraw xi proposti għandhom id-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika u wara li ssir il-laqgħa ma' l-Inġ. Bajada din il-materja terġa' tiġi diskussa mill-Kunsill għall-aħjar soluzzjoni. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa f'isem il-Kunsill, irringrazzja lis-Sur Cauchi tal-offerta tiegħu.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li l-Inġ. J. Bajada bagħat *e-mail* fejn fiha għamel lista ta' materjal li hemm bżonn li jinxtara sabiex tiġi rranġata l-latrina pubblika li hemm fid-Dwejra. Il-Kunsill wieġeb li mhux lest li jħallas aktar minn €70 għal dan ix-xogħol.

Rigward l-*open skip* li jipprovdi l-Kunsill kull nhar ta' Sibt, intqal li dan qed jimtela' kmieni. Ġie ssuġġerit li jekk hu possibli jinġabu tnejn flok wieħed, għax wieħed mhux qed ikun biżżejjed. Se tiġi studjata l-offerta ta' dan l-*open skip* u naraw jekk l-istess kuntratt jippermettix li jinġabu tnejn.

2.7 (3.14) Inqara r-rapport li ħejjiet l-*Assistant Principal* Carmen Micallef dwar il-librerija lokali. Ġie nnotat li bħala self ta' kotba l-librerija ta' San Lawrenz qegħda waħda mill-aħjar. Intqal pero' li l-librerija għandha bżonn tiġi organizzata waħda sew billi jitneħħew kotba qodma jew imqattgħin u l-kotba li hemm jiġu organizzat fuq l-ixkafef. Peress li s-Sinjura Carmen Micallef bħalissa hija l-unika li qed tiftaħ l-uffiċċju amministrattiv, ma tistax tiddedika ħin biżżejjed għal-librerija, u għalhekk ġie ssuġġerit mis-Sindku li għas-Sajf tinstab persuna biex tieħu ħsieb li tagħmel dan ix-xogħol. Fil-Kunsill preċedenti kien hemm qbil li Claire Attard, illum Micallef, tgħin fl-andament tal-librerija pero' din bħalissa ma tistax tgħin peress li kellha tarbija dan l-aħħar. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li l-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa tkun din il-persuna li tgħin biex tiġi organizzata l-librerija peress li din ta' l-aħħar applikat taħt skema ta' l-ETC biex tkun tista' tagħmel xogħol fis-sajf. Sar qbil dwar dan u jekk s-Sinjorina Formosa ma tiġix aċċettata taħt l-iskema, xorta tieħu ħsieb li tagħmel dan ix-xogħol u titħallas mill-Kunsill. Huwa ċar li din se titqabbad sakemm tiġi organizzata l-librerija.

Il-Kunsilliera Carmela Grima ġibdet l-attenzjoni li la se jsir dan ix-xogħol kollu fil-librerija, tajjeb li napprofittaw mill-iskema li ħareġ id-Dipartiment biex jinxtraw kotba ġodda. Intqal li wara li ssir l-organizzazzjoni tal-librerija, naraw ikunx hemm bżonn ta' kotba ġodda u fil-każ jinxtraw għax ikun hemm żmien sa l-aħħar ta' Diċembru biex jintefqu dawn il-flus. Ser jiġi ċċekkjat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv jekk aħniex tard biex napplikaw għal din l-iskema ta' fondi. Suġġeriment ieħor tas-Sinjorina Grima kien li ngħidu lil xi espert fil-librerji biex jgħinna f'dan ix-xogħol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalet li l-aħjar persuna li għandna nikkuntattjaw hija s-Sinjura Rita Cassar li hija l-persuna nkarigata mill-libreriji lokali. Sar qbil li tiġi kkuntattjata s-Sinjura Cassar biex tgħinna f'dan ix-xogħol.

2.8 (3.16) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li s-Sinjorina Annie Formosa talbet sabiex isiru tabelli '*No Parking*' biex jitwaħħlu mal-*generator* peress li kienu qed jipparkjaw quddiem il-bieba u ma kinitx tkun tista' tiftaħha b'konsegwenza li kienet iddum biex tiftaħ iċ-ċentru tad-Dwejra. Għalhekk ġew ordnati żewġ *stickers* biex setgħu jitwaħħlu mal-*generator* biex ma jsirx ipparkjar quddiem il-*generator*.

Rigward it-tabelli *Slippery* dawn se jsiru fuq *perspex* imbagħad jitwaħħlu fuq injam *marine plywood* biex kemm jista' jkun ikunu ta' saħħa u jservu aktar.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isiru l-*mobile toilets* fil-parti ta' l-*inland sea* saret.

2.9 (3.17) Is-Sinjura Eileen Vella bagħtitilna l-informazzjoni rikjesta dwar it-taħdidiet ta' kif wieħed jista' jieħu ħsieb saħħtu aħjar. Hemm ħames *topics*. Ġie deċiż li dawn isiru f'Ottubru li ġej u ssir waħda kull ħmistax. Il-Kunsilliera Carmela Grima ser tieħu ħsieb li tikoordina dawn it-taħdidiet.

2.10 (3.19) Rigward il-kuntratt tal-*photocopier*, inġabret aktar informazzjoni. Il-proposta li qed tagħti l-kumpanija hija li l-kera tkun ta' €30 fix-xahar flok €29.66c, bħala ħlas għal kull kopja tkun ta' 0.007c flok ta' 0.01c, il-kuntratt ikun għal ħames snin u l-mudell il-ġdid tkun tagħmel *scan* bil-kulur. Il-Kunsill qabel li nagħmlu kuntratt ġdid għal ħames snin b'dawn il-kundizzjonijiet.

2.11 (6.0) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, nforma lill-Kunsill li l-ħinijiet tar-rotot tat-Trasport Pubbliku se jinbidlu mill-21 ta' Ġunju 2015 u li għad-Dwejra issa se jibda jkun hemm waħda kull 45 minuta.

2.12 (8.0) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, informa lill-Kunsill li hu flimkien ma' l-Aġent Segretaju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Andrea Venturato, rappreżentant tal-kumpanija Skyline Webcams, dwar is-*security cameras* fil-Pjazza. Inqraw il-minuti tal-istess laqgħa kif ukoll korrispondenza li bagħat is-Sur Venturato dwar is-servizzi li joffru. Is-Sindku spjega li dawn il-*cameras* li toffri din il-kumpanija m'humiex eżattament *security cameras* imma *cameras* li jxandru *live* dak li jkun qed jiġri ġol-Pjazza. Pero' mill-filmati li jittieħdu persuna ma tingħarafx u lanqas *number plate* ta' karozza minħabba d-*data protection*. Intqal li b'hekk inkunu qed noħorġu mill-kunċett ta' *security cameras* li kien l-għan prinċipali tal-Kunsill. Ġie ssuġġerit ukoll li jsiru żewġ *cameras* – waħda tkun tħares lejn il-Knisja u l-oħra tkun tħares lejn Triq id-Duluri u Triq San Lawrenz. Din ta' l-aħħar tista' tkun bħal *traffic camera*.

Wara diskussjoni ġie deċiż li tintalab kwotazzjoni għal *security cameras* li jkunu jkopru l-pjazza kollha nkluż l-erbgħa entraturi li jagħtu għall-istess pjazza.

2.13 (9.0) Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, informa lill-Kunsill li kellem lis-Sinjura Tereża Żammit u qal li ma tridx li l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha titwessa' b'konsegwenza għalhekk li ma jistgħux isiru *safety barriers*. Ġie deċiż li nibgħatu dan il-każ lil Transport Malta sabiex jagħtuna linji ta' gwida kif tista' tissolva din il-problema.

SAN LAWRENZ

2.14 (11.0) Rigward l-irranġar ta' l-uffiċċju amministrattiv intqal li għalissa se jitneħħew il-purtieri u jitwaħħlu *blinds* puliti. Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi se jieħu ħsieb li jkellem kumpanija sabiex tkun tista' tagħtina stima ta' dawn il-*blinds*.

2.15 (13.0) L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qajjmet punt li meta fil-laqgħa l-oħra ttieħdet id-deċiżjoni li tingħata l-offerta li tikkonċerna d-Dwejra Centre lis-Sinjorina Annie Formosa, ma ġiex deċiż minn meta se tibda. Hawnhekk, is-Sindku, is-Sur Noel Formosa reġa' ddikkjara l-konflitt ta' interess peress li tiġi oħtu, u għalhekk irtira mil-laqgħa sakemm ittieħdet din id-deċiżjoni.

Wara diskussjoni mill-membri preżenti ġie deċiż li l-kuntratt tas-Sinjorina Formosa jibda mit-8 ta' Ġunju, 2015 u jkun għal tliet snin kif hemm fl-offerta.

Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, reġa' daħal għal-laqgħa sabiex tkun tista' titkompla. Huwa qal li issa punt importanti dwar dan l-*Information Centre* huwa li nkomplu nisħqu sabiex tiġi fis-seħħ il-*bye-law* li kien applika għaliha l-Kunsill sabiex kull min iżur dan iċ-ċentru jħallas miżata.

Intqal li l-*generator* li jintuża għall-Information Centre għaddew sentejn minn fuqu u għalhekk issa m'għadux taħt il-garanzija. Se jiġi ċċekkjat jekk għandux bżonn jingħata *service*. Reġgħet issemmiet il-ħtieġa ta' tabella għal dan iċ-Ċentru fejn jipparkjaw il-*buses*.

Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Carmela Grima qalet li għandu jiġi studjat tajjeb il-prezzijiet tad-dħul għal dan iċ-Ċentru. Hija qalet li għandu jkun hemm prezzijiet kemm għal persuni ndividwali u kif ukoll jekk ikunu fi gruppi. Intqal ukoll li għandna nżommu kuntatt mat-*tour leaders* sabiex idaħħlu t-turisti li jkollhom f'dan iċ-Ċentru. Ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal meta tidħol fis-seħħ il-*bye law*. Sar suġġeriment ukoll li jsiru xi *souvenirs* jew *tokens* taċ-Ċentru sabiex dawn jinbiegħu u jkunu wkoll mezz ta' dħul.

2.16 (14.5) Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar l-iżvilupp li sar mill-aħħar laqgħa 'l hawn dwar il-flus dovuti lill-Kunsill mill-MEPA. Huwa qal li waqt li kien qed jindaga fuq dawn il-flus isib li hemm xi flus oħra allokati fuq id-Dwejra wkoll. Imma għalissa dawn mhux se jingħataw importanza imma nkomplu nistinkaw biex jinġabru it-€23,293 li l-Kunsill għandu jieħu u li kienu relatati fuq proġett fil-pjazza. Is-Sindku qal li issa għandu konferma li dawn il-flus huma dovuti lill-Kunsill ta' San Lawrenz u li minn naħa tal-MEPA talbu kopja ta' rċevuti li ħallsu mill-Kunsill fuq proġett fil-pjazza sabiex il-pagament ikun jista' joħroġ kontrihom. Il-Perit Edward Scerri ser jieħu ħsieb li jagħmel rapport biex jintbagħat ma' dawn l-irċevuti.

SAN LAWRENZ

## 4.0 Mozzjoni mressqa mis-Sindku

**Mozzjoni 1/7 mressqa mis-Sindku s-Sur Noel Formosa**

Peress li fil-lokalità tagħna jinħass il-bżonn urġenti ta' servizzi essenzjali fir-raħal u peress li l-postijiet fejn jistgħu jsiru proġetti simili f' San Lawrenz huwa limitat peress li fil-qalba tar-raħal ma teżistix art jew proprjetà pubblika qed nipproponi sabiex il-Kunsill Lokali b'mod immedjat jibda jaħdem sabiex jakkwista l-art (ħofra) fil-*grounds* tal-iskola biex tkun tista' tintuża għal dan il-għan. Meta jsir l-akkwist nipproponi li l-Kunsill iwettaq il-proġett li jwassal sabiex fl-istess ħofra jibni Ċentru Ċiviku li jkun jikkonsisti f'uffiċċji amministrattivi, għassa, berġa, sala li tintuża mill-Kunsill u mill-għaqdiet tar-raħal u servizzi oħra.

Biex dan il-post ikun dejjem aċċessibbli u biex noħolqu *open space* ieħor fir-raħal nipproponi li tinqala' l-*gate* tal-iskola minn fejn hi preżentament, titnaddaf il-ħamrija li hemm fil-preżent u l-*gate* ssir fid-daħla tal-iskola fejn l-uffiċċju tas-surmast. Id-daħla eżistenti tal-iskola tiġi trasformata fi Triq li tingħata isem fejn isir parkeġġ adekwat u quddiem il-*ground* preżenti ssir latrina pubblika kif ukoll faċilitajiet rikrejattivi għat-tfal u l-familji. Nipproponi wkoll li l-istess proġett jaħseb sabiex joħloq aċċess għall-pubbliku għall-ġnien ta' wara l-iskola biex jintuża bħala ġnien pubbliku (l-ewwel tax-xorta tiegħu) fir-raħal.

Jekk il-Kunsill jaqbel, jista' jibda miexi fuq dawn il-linji u wkoll jaħseb sabiex jakkwista fondi minn entitajiet oħrajn fosthom jekk possibbli proġetti tal-UE.

Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, spjega li huwa ressaq din il-mozzjoni mhux biex minn għada jibda x-xogħol sabiex jinbeda ċ-Ċentru Ċiviku, imma sabiex ikun jista' jinbeda l-proċess sabiex il-Kunsill ikun jista' jakkwista din il-biċċa art mingħand il-Gvern. B'din il-mozzjoni hemm stampa ċara fejn il-Kunsill irid jasal meta din il-biċċa art tiġi devoluta lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni u għalhekk se jinbeda l-proċess sabiex nakkwistaw l-art.

## 10.0 Xogħlijiet pendenti fil-Pjazza

10.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li tkellem mas-Sur Jonathan Borg mill-Kumpanija *Smart Light System* dwar id-dwal taz-*zebra crossing* li hemm fil-pjazza. Huwa qal li l-Kunsill preċedenti ħadem sabiex dawn id-dwal isiru bl-enerġija solari. F'laqgħa (li tagħha nqraw il-minuti) li s-Sindku flimkien mal-Aġent Segretarju kellhom mal-Inġinier Mario Galea ntqal li peress li d-dwal iridu jsiru tnejn, in-naħa taz-zuntier hija possibli li jsiru bl-enerġija solari u n-naħa l-oħra, in-naħa tar-residenzi le peress li huwa delli. Is-Sindku qal li s-Sur Jonathan Borġ għandu jiġi jara l-post fejn se jitwaħħlu u jekk jagħti garanzija li t-tnejn jistgħu jinxtegħlu b'enerġija solari, nitolbu stima u jekk ma taqbiżx l-ammont stipulat mil-liġi tingħata *direct order* biex dan ix-xogħol isir. Jekk jinqabeż l-ammont imbagħad tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni avolja l-aħħar darba li nħarġet mill-Kunsill preċedenti ma' tefagħha ħadd.

SAN LAWRENZ

10.2 Rigward il-*feature* li kienet ġiet proposta biex issir fil-pjazza biex isir il-main tad-dawl, is-Sindku qal li huwa tkellem mas-Sur Joe Grima, il-kuntrattur li għamel ix-xogħlijiet u qallu li l-*main* jista' jsir taħt l-art għax hu ħaseb għall-kamra apposta. Huwa qal li din il-kamra nfetħet u daħlu fiha biex setgħu jaraw aħjar x'jista' jsir. Is-Sindku qal li veru li l-ilma jidħol, imma jibqa' sa ċertu livell u ma jogħliex għax il-ħajt ma kienx imxarrab.

Is-Sur Joe Grima qed jissuġġerixxi li jingħalaq it-*tunnel* minn fejn jista' jidħol l-ilma, isir il-*membrane*, jinkesa l-ħajt, issir toqba fl-art bħal tax-*shower* biex l-ilma jkun jista' jinżel f'tank li jsir apposta biex imbagħad meta jimtela' jkun jista' jitbattal permezz ta' pompa. Għal dan ix-xogħol is-Sur Grima ta żewġ stimi, waħda ta' €1,150 u l-oħra ta' €4,450. Id-differenza f'dawn iż-żewġ ammonti hija fil-materjal. Bit-tieni stima, is-Sur Grima jagħti garanzija assoluta li l-ilma ma jidħolx u bl-ewwel waħda ma jagħtix garanzija mija fil-mija. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir pero' se nsaqsu lis-Sur Grima jekk it-tieni stima tistax tinħadem b'materjal aktar irħis milli hemm ikkwotat.

10.3 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, qal li kemm il-*bollards* li hemm fil-pjazza kif ukoll it-tappiera tal-funtana diġa qed jissaddu. Ġie deċiż li naraw minn kien il-fornitur ta' dawn il-*bollards* u t-tappiera sabiex nitolbuh li jibdilhom peress li diġa ssaddu wara żmien daqshekk qasir li ilhom li twaħħlu.

## 11.0 Għażla tal-Kwotazzjoni tal-Kompjuter

11.1 Infetħu l-kwotazzjonijiet li nġabru sabiex jinxtara kompjuter ġdid biex jintuża mis-Sindku. Kwotazzjonijiet kien hemm tlieta.

1 – Right Click tammonta total ta' €1,221.40c
2 – Franklyn Cauchi tammonta total ta' €1,229.00c
3 – ICS kienet tammonta total ta' €1,681.90c

Il-Kunsill iddiskuta dawn il-kwotazzjonijiet u ġie deċiż li tintagħżel dik tar-*Right Click*. Intqal li huwa importanti li minn fejn jinxtara jkollu *after sales service* effiċjenti.

## 12.0 Materji Oħra

12.1 Il-Kunsilliera Carmela Grima ssuġġerit li jitwaħħlu *litter bins* apposta biex fihom jitpoġġa l-ħmieġ tal-klieb. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li tajjeb li nduru t-tabelli li m'għandekx tħalli lill-kelb iħammeġ barra, u dawk li huma msaddin jinbidlu. Il-Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa ħa jieħu ħsieb li jara liema tabelli għandhom bżonn il-bdil.

12.2 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li issa li qed joqrob is-Sajf, qed jiżdiedu l-Maltin u t-turisti fil-*flats* u anke fil-*farmhouses* b'konsegwenza li dawn qed joħorġu l-iskart mhux fil-ħin li suppost imma kultant anke minn ġurnata qabel.

Il-boroż ta' l-iskart qed jitqattgħu mill-klieb u l-qtates u qed ikun hemm il-ħmieġ fit-toroq. Rigward dan is-Sindku s-Sur Noel Formosa ħejja avviż sabiex ngħadduh lil MTA biex tagħtih lill-operaturi li għandhom postijiet simili sabiex jitwaħħal mal-bibien ta' dawn il-postijiet biex min ikun qed jużahom ikun jaf x'ħin jinġabar l-iskart. Fl-avviż barra mill-ħinijiet tal-ġbir ta' l-iskart ser isir appell ukoll għall-kwiet u li ma jkunx hemm storbju żejjed sabiex tiġi rrispettata t-trankwillita' li jgawdi r-raħal ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel mal-kontenut ta' dan l-avviż u se jitniżżel ukoll li jistgħu jittieħdu passi dixxiplinarji jekk xi ħadd jinqabad joħroġ l-iskart kmieni jew li jagħmel storbju f'ħinijiet inadekwati.

12.3 Il-Kunsillier Joseph Cauchi qal li tajjeb li jkun hemm aktar Pulizija preżenti f'San Lawrenz. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li huwa ġa kellem lis-Superintendent Antonello Grech dwar dan. Se terġa' tintbagħat ittra lill-istess Superintendent dwar il-ħtieġa ta' Pulizija f'San Lawrenz l-aktar issa li qed joqrob is-Sajf.

12.4 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li ħarġet skema sabiex studenti universitarji jkunu jistgħu jaħdmu mal-Kunsilli jew ma entitajiet oħra fis-Sajf. Huwa qal li jaf b'żewġ studenti, li huma Roberta Sultana u Jason Theuma, it-tnejn minn San Lawrenz li applikaw u li tajjeb li kieku dawn jaħdmu fl-uffiċċji amministrattivi. Dawn ikunu jitħallsu mill-Kunsill. Sar qbil li dawn l-istudenti jaħdmu mal-Kunsill matul ix-xhur tas-Sajf. Pero' mhux fl-istess żmien. Jiġifieri ż-żmien stabbilit li jistgħu jaħdmu jinqasam bejniethom. Intalbet informazzjoni ta' kemm eżatt se jitħallsu dawn l-istudenti u anke kemm se titħallas is-Sinjorina Renee Formosa li se tkun tgħin biex tiġi organizzata l-librerija. Din l-informazzjoni ser tingħata mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sal-laqgħa li jmiss.

12.5 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kellu talba sabiex jitkomplew il-ħarġiet li kienu jsiru għall-anzjani. Il-membri preżenti qablu li dawn il-ħarġiet għandhom jitkomplew. Il-Kunsilliera Carmela Grima flimkien mal-*Assistant Principal* is-Sinjura Carmen Micallef se jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni ta' dawn il-ħarġiet. Il-ħlas ta' dawn il-ħarġiet għalissa ser jibqa' ta' €5 li jkun jinkludi trasport u ikel f'nofsinhar. Jekk ikun hemm xi żbilanċ dan jitħallas mill-Kunsill. Ġie deċiż li tibda tiġi organizzata ħarġa kull xahar u kemm jista' jkun tinżamm dejjem l-istess ġurnata bħal per eżempju t-tieni Ħamis tax-xahar biex hekk l-anzjani jidraw li f'dik il-ġurnata jkun imiss il-ħarġa tagħhom organizzata mill-Kunsill. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera kollha biex min irid, jieħu sehem f'dawn il-ħarġiet.

12.6 Ġie deċiż li tingħata kopja tar-ritratti li ttieħdu waqt iċ-ċerimonja tal-ħatra tal-ġurament. Intqal li dawn ir-ritratti rċevejniehom permezz ta' *e-mail* u ser issir kopja għal kull Kunsillier.

12.7 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li kien hemm kumment fuq Trip Advisor li fil-Knisja hemm ħafna x'tara imma hekk kif toħroġ fil-Pjazza m'hemmx

SAN LAWRENZ

daqshekk x'tara. Għalhekk huwa qed jissuġġerixxi li jsiru xi statwi li jirrapreżentaw parti mill-ħajja ta' l-imgħoddi tar-raħal. Żewġ suġġerimenti li qal huma li ssir replika ta' mara timla' l-ilma fuq għajn li kien hemm fil-pjazza u fejn iz-zuntier tal-Knisja ssir replika ta' tifel qed jilgħab u tifla tħares lejh. Dawn għandhom isiru fil-bronż. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suġġerimenti u għalhekk se naraw jekk inġibux fondi għalihom minn xi skema ta' l-Unjoni Ewropea peress li l-finanzi tal-Kunsill huma limitati.

12.8 Intbagħtet *e-mail* mingħand is-Sur Christopher Galea mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qalulna li l-*website* tal-Kunsill qed tiġi *hosted* minn Framework I Server li dan ser jintefa'. Il-Kunsill qabel li din il-*website* tingħalaq. Ġie ssuġġerit li ssir Twitter Page.

12.9 Is-Sindku ssuġġerixxa u l-Kunsill qabel li tinxtara ftit *petunia* għall-qsari tal-Pjazza.

12.10 Issemmiet il-*camera* li hemm fuq il-*Bring-in-Sites*. Ġie deċiż li għalissa din tibqa'installata u se niċċekkjaw il-kuntratt li kien sar mar-residenti li għandhom din il-*camera* imwaħħlin mad-dar tagħhom sabiex inkunu nistgħu nħallsu, skont il-kuntratt, l-ammont dovut lil dawn ir-residenti.

12.11 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa ġibed l-attenzjoni dwar għalqa li kienet issellfet mill-Kunsill preċedenti sabiex jitpoġġa l-materjal tal-Pjazza. Huwa qal li kien hemm ftehim mas-Sinjura Maria Cauchi li wara li jitneħħa dan il-materjal, l-għalqa terġa' titranġa kif kienet qabel peress li hi ma riedet ebda kumpens ieħor. Il-materjal tneħħa u x-xogħol għadu ma sarx. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir u għalhekk is-Sur Anthony Formosa se jieħu ħsieb jara x'hemm bżonn isir.

## 14.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Is-Sindku waqqaf il-laqgħa fid-9.00 ta' filgħaxija peress li kien fadal ħafna *items* fl-aġenda u kien sar ħafna ħin. Ġie miftiehem bejn il-membri preżenti biex il-laqgħa titkompla nhar l-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 2015 fit-3.00 p.m.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***